MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' Settembru, 2005

Citazzjoni Numru. 110/1985/1

Jack Galea u Emanuel Bonnici u b'digriet tas-17 ta' Frar, 2005 l-gudizzju gie trasfuz minn fuq isem Jack Galea ghal fuq isem l-Ispizjar Alan u Maria konjugi Buttigieg

**vs**

George Curmi u b'digriet tal-10 ta' Marzu, 1995 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Michael Curmi, minflok George Curmi li miet fil-mori tal-kawza u b'digriet tat-12 ta' April, 2005 gie nominat Dr. Chris Said bhala kuratur ad litem sabiex jirraprezenta l-interessi tal-mejjet George Curmi;

Michael Curmi u b'digriet tat-12 ta' April, 2005 il-gudizzju gie trasfuz f'isem George u Nancy konjugi Cardona ghall-dak li jirrigwarda l-wirt ta' l-imsemmi Michael Curmi;

Rosina Cardona u b'digriet tat-12 ta' April, 2005 gie nominat Dr. Chris Said bhala kuratur ad litem sabiex jirraprezenta l-interessi tal-mejta Rose Cardona;

Lorenzo Curmi u b'digriet tal-4 ta' Mejju, 1994 Giuseppa Curmi giet nominata bhala kuratrici deputata sabiex tirraprezenta l-wirt ta' l-istess Lorenzo Curmi u b'digriet tat-12 ta' April, 2005 gie nominat Dr. Chris Said bhala kuratur ad litem sabiex jirraprezenta l-interessi tal-mejjet Lorenzo Curmi;

Fortunata Curmi fil-kwalita taghha ta' legittima rapprezentanta ta' bintha minuri Sylvana Curmi u b'nota tal-25 ta' Marzu, 1994 Sylvana Curmi assumiet l-atti tal-kawza f'isimha stante li illum hija maggorenni;

L-Avukat Dottor Carmelo Galea u l-Prokuratur Legali Marcel Mizzi li b'digriet tal-4 ta' Settembru, 1985 gew nominati l kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-imsefrin Carmela Camilleri, Margerita Muscat u Elisabeth Curmi u b'nota tal-25 ta' Marzu, 1994 Carmela Camilleri assumiet l-atti tal-kawza f'isimha stante l-presenza taghha f'dawn il-gzejjer;

u Joseph Curmi, Michael Curmi, Anthony Curmi, George Curmi, Emanuel Curmi u Rita Curmi.

Il-Qorti;

**I. PRELIMINARI**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi permezz ta' kuntratt tat-tmintax ta' Ottubru, ta' l-elf disa' mija u tnejn u tmenin (18.X.1982), fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo, Clementa mart l-attur Emanuel Bonnici, u Emanuel Galea, akkwistaw minn ghand il-wirt battal ta' Lorenzo Galea, in-nofs indiviz minn bicca art imsejjah "Ta' Skerla", fil-limiti tas-Sannat, Ghawdex, bil-kejl ta' cirka elf mija u erbgha u ghoxrin metri kwadri, konfinanti mit-tramuntana ma beni ta' Frenc Grima, mill-Lvant ma' beni ta' Joseph Gauci, u minn nofsinhar ma beni ta' Dato Muscat, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha (Dok. A);

Illi skond l-istess kuntratt l-imsemmija Emanuel Galea biegh u ttrasferixxa lill-attur Jack Galea, is-sehem minnu akkwistat mill-art fuq deskritta;

Illi l-konvenuti huma l-komproprjetarji l-ohra tan-nofs indiviz tal-istess raba;

Illi l-atturi ma jixtiequx jibqghu iktar f'dan l-istat ta' komunjoni mal-konvenuti;

Illi l-konvenuti minkejja li gew interpellati sabiex jersqu ghall-divizjoni, naqsu, minghajr ebda gustifikazzjoni;

L-istess atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(1) Tordna d-divizjoni ta' din l-art u ghal dan il-ghan, tinnomina perit arkitett sabiex jirrelata jekk din hix komodament divizibbli billi nofsha tigi assenjata indivizament lill-atturi, in kwantu dawn issuccedew fid-drittijiet ta' Lorenzo Galea; u n-nofs l-iehor jigi maqsum bejn il-konvenuti skond il-kwoti rispettivi taghhom;

(2) F'kaz li jirrizulta li din hija divizibbli, tordna id-divizjoni u ghal dan il-ghan, tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-att opportun f'data, hin u lok li jigu ffissatti minn din l-Onorabbli Qorti;

(3) F'kaz li jirrizulta li l-istess art mhix komodament divizibbli, tordna l-bejgh b'licitazzjoni taghha;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja mibghuta lilhom fis-sebgha ta' Mejju tal-elf disa' mija u erbgha u tmenin (7.V.1984).

Il-konvenuti mharrkin ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigu ngunti.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 12 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti esebiti mill-atturi a fol. 13 tal-process;

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smiegh tal-kawza gew debitament notifikati lill-konvenuti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti George Curmi, Michael Curmi, Rosina Cardona, Lorenzo Curmi, Fortunata Curmi nomine u Joseph Curmi, Michael Curmi, Anthony Curmi, George Curmi, Emanuel Curmi u Rita Curmiipprezentata fit-18 ta' Settembru, 1985 a fol 24 tal-process fejn gie eccepit:

A. Preliminarjament:

1) in-nullita tac-citazzjoni peress illi l-assi ereditarji ma jikkonsistux f'bicca raba wahda biss u ghalhekk l-ewwel messa intalbet il-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-ereditajiet, li minnhom hija provenjenti dina l-istess bicca raba "Ta' Cenc" jew "Ta' Skerla", limiti ta' Sannat, Ghawdex b'talba "ad hoc" sabiex issir d-divizjoni ta' dawna l-ereditajiet u bin-nomina tan-Nutar biex jippublika l-att ta' divizjoni;
2) Illi l-atturi lanqas ma setghu jakkwistaw nofs indiviz (1/2) mill-istess bicca raba imsejha "Ta' Skerla", limiti ta' Sannat, Ghawdex permezz tal-kuntratt tat-18 ta' Ottubru, 1982 peress illi meta issir id-divizjoni ta' dawna l-ereditajiet, salv kull dritt li jkun gie akkwistat bil-preskrizzjoni, l-atturi jista ma jmisshomx min dana ir-raba;
3) Fil-kwalinkwe kaz wkoll id-divizjoni tar-raba "de quo" ma tistax tintalab peress illi f'dan il-kaz tapplika l-preskrizzjoni trentennali in vista tal-fatt illi l-istess raba ilha f'idejn il-konvenuti ghall-iktar minn tletin sena;

B. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal premess:

4) Illi huma ma jopponux ruhhom ghad-divizjoni tal-istess raba purche li l-ewwel nett jigi accertat illi dina hija l-unika proprjeta oggett tad-divizjoni u jigu verifikati l-kwoti rispettivi kif ukoll il-propvenjenza tal-istess raba;

5) Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol. 25 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda a fol 25 tal-process;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati l-Avukat Dott. Carmelo Galea u l-Prokuratur Legali Marcel Mizzi noe a fol. 27 tal-process pprezentata fit-23 ta’ Settembru, 1985 u li permezz taghha ecceppew:

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza, u ghaldaqstant jirrimettu ruhhom ghall-provi migjuba quddiem din il-Qorti;
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kuraturi deputati noe et a fol. 27 u 28 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 28 tal-process;

Rat id-digriet taghha, kif diversament ippreseduta, fejn il-Qorti appuntat il-kawza ghas-smiegh ghal nhar it-30 ta’ Mejju, 1986 fid-9.00a.m.

Rat ir-rikors ta’ l-atturi a fol. 20 tal-process u pprezentat fis-16 ta’ Awissu, 1985 u li permezz tieghu talbu lill-Qorti sabiex previa l-ispedizzjoni tas-soliti bandi, tinnomina kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-imsefrin Carmela Camilleri, Margerita Muscat u Elizabeth Curmi ghall-finijiet ta’ din ic-citazzjoni u fl-atti l-ohra kollha konessi u sussegwenti.

Rat id-digrieti taghha tal-21 ta’ Awissu, 1985 fejn il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-hrug tas-soliti bandi u kif ukoll rat id-digriet taghha tal-4 ta’ Settembru, 1985 fejn il-Qorti, peress li ma deher hadd biex jaccetta l-bandu innominat lill-Avukat Dr. Carmelo Galea u l-Prokuratur Legali Marcel Mizzi bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-Carmela Camilleri, Margerita Muscat u Elizabeth Curmi fl-atti ta’ din ic-citazzjoni u fl-atti l-ohrajn kollha relattivi u sussegwenti.

Rat ir-rikors tal-Perit Legali l-Avukat Dottor Alfred Grech a fol. 63 tal-process ipprezentat fil-21 ta’ Awissu, 1990 fejn

l-istess Perit Legali talab illi din il-Qorti tezonorah mill-inkarigu lilu moghti.

Rat id-digriet taghha tal-11 ta’ Settembru, 1990 fejn il-Qorti irriservat id-dritt taghha li taghti l-provvediment opportun fl-udjenza tas-6 ta’ Novembru, 1990. Rat ukoll id-digriet taghha tas-6 ta’ Novembru, 1990 fejn il-Qorti laqghet it-talba tal-Perit Legali u ezonoratu mill-inkarigu u issotitwitu bhala Perit Legali bl-Avukat Dottor Philip Bianchi.

Rat ir-rikors ta’ l-atturi a fol. 220 tal-process ipprezentat fit-3 ta’ Marzu, 1993 fejn talbu lil-Qorti sabiex hija tipprocedi ghall-hatra ta’ periti addizjonali b’ordni lill-konvenuti li jaghmlu depozitu ta’ flus sabiex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez relattivi.

Rat id-digriet taghha tat-23 ta’ Marzu, 1993 fejn il-Qorti ordnat in-notifika ta’ dan ir-rikors lill-kontro-parti b’erbat’ ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenuti a fol. 229 tal-process ipprezentata fit-30 ta’ Marzu, 1993 fejn huma talbu lill-Qorti sabiex tichad din it-talba ghall-hatra ta’ periti addizjonali mhux seduta stante.

Rat id-digriet taghha tal-20 ta’ April, 1993 fejn il-Qorti irriservat li tipprovdi ulterjorment fis-seduta li ghandha tinzamm fl-20 ta’ Mejju, 1993.

Rat id-digriet taghha moghti illum stess fejn hija cahdet din it-talba.

Rat ir-rikors ta’ l-atturi a fol. 255 tal-process ipprezentat fl-14 ta’ Marzu, 1994 fejn talbu li din il-Qorti taghti l-provvedimenti opportuni sabiex jigu regolarizzati l-atti ta’ din il-kawza u dan insewgitu ghad-disposizzjoni li ta’ Michael Curmi fl-4 ta’ Novembru, 1993, mill-liema deposizzjoni irrizulta illi l-konvenuta Silvana Curmi lahqet il-maggior eta u li Carmela Camilleri tinsab tirrisjedi f’dawn il-Gzejjer.

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Marzu, 1994 fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien erbat' ijiem ghar-risposta.

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' April, 1994 fejn il-Qorti rat in-noti ipprezentati minn Silvana Curmi u minn Carmela Curmi u li permezz taghhom assumew l-atti.

Rat ir-rikors ta' l-atturi a fol. 262 tal-process ipprezentat fl-14 ta' Marzu, 1994 fejn talbu lill-Qorti, prevja l-ispedizzjoni tas-soliti bandi sabiex tordna l-hatra ta' kuraturi sabiex jirraprezentaw il-wirt battal ta' Lorenzo Curmi.

Rat id-digriet taghha datat 15 ta' Marzu, 1994 a fol. 263 tal-process fejn il-Qorti ordnat li r-rikorrenti josserva d-disposizzjonijiet tal-artikolu 807 u jiddikjara min hu jew huma l-eredi prezuntivi jew jiddikjara li m'hu maghruf ebda eredi prezuntiv.

Rat in-nota ta' l-atturi a fol. 264 tal-process fejn permezz taghha iddikjaraw illi Carmelo Curmi huwa l-eredi prezuntiv tal-mejjet Lorenzo Curmi.

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' April, 1994 a fol. 267 tal-process fejn il-Qorti ordnat in-notifika lil Carmelo Curmi b'erbat' ijiem zmien ghar-risposta;

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' April, 1994 a fol. 269 tal-process fejn il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-hrug tal-bandi relattivi;

Rat in-nota a fol. 272 tal-process ta' Giuseppa Curmi ipprezentata fid-29 ta' April, 1994 fejn hija accettat il-bandu sabiex tidher in rapprezentanza tal-wirt ta' Lorenzo Curmi li kien jigi zewgha.

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Mejju, 1994 a fol. 273 tal-process u li permezz tieghu Giuseppa Curmi giet nominata bhala kuratrici deputata sabiex tirraprezenta l-wirt ta' Lorenzo Curmi fl-atti tac-citazzjoni numru 110/85 fl-ismijiet fuq imsemmija, u fl-atti l-ohrajn kollha relattivi u sussegwenti.

Rat ir-rikors ta’ Michael Curmi pprezentat fid-9 ta’ Marzu, 1995 a fol. 277 tal-process u li permezz tieghu talab illi l-gudizzju jigi trasfuz f’ismhu stante li huwa – skond testment maghmul fl-atti tan-Nutar Enzo Dimech datat 7 ta’ Dicembru, 1989 – l-eredi universali ta’ George Curmi li miet fil-21 ta’ Jannar, 1995.

Rat id-digriet taghha tal-10 ta’ Marzu, 1995 a fol. 281 tal-process fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat ir-rikors ta’ l-atturi a fol. 283 tal-process ipprezentat fil-11 ta’ April, 1995 u li permezz tieghu talbu li hija tordna t-trasfuzjoni tal-gudizzju minn isem il-konvenut George Curmi ghal isem il-konvenut Michael Curmi stante l-mewt ta’ dak ta’ l-ewwel.

Rat id-digriet taghha tal-11 ta’ April, 1995 a fol. 284 tal-process fejn il-Qorti stante li t-trasfuzjoni mitluba gja intalbet b’rikors ta’ Michael Curmi tad-9 ta’ Marzu, 1995 u giet akkordata b’digriet ta’ din il-Qorti ta’ l-10 ta’ Marzu, 1995 astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dan ir-rikors.

Rat ir-rikors ta’ l-atturi a fol. 286 tal-process ipprezentat fit-23 ta’ Jannar, 1996 fejn l-atturi talbu li din il-Qorti joghgobha tahtar amminstratur sabiex jiehu f’idejh u jamministra l-beni komuni oggett ta’ din il-kawza;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta’ Jannar, 1996 fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien erbat’ ijiem ghar-risposta;

Rat ir-risposta tal-konvenuti a fol. 304 et seq. tal-process ipprezentata fis-6 ta’ Frar, 1996 u li permezz taghha – ghar-ragunijiet hemm esposti – huma talbu li r-rikors jigi michud.

Rat id-digriet taghha tal-lum stess fejn il-Qorti, stante li din il-kawza qeghda tigi deciza illum stess, cahdet it-talba.

Rat ir-risposta ta’ Carmelo Curmi etipprezentata fit-12 ta’ April, 1996 a fol. 307 et seq. tal-process u li permezz taghha huwa talab li r-rikors ta’ l-atturi jigi michud u dan peress illi fl-ewwel lok t-talba tar-rikorrenti hija proceduralment skorretta li issir b’semplici rikors u fit-tieni lok l-istess talba sejra isservi aktar ta’ pregudizzju milli ta’ gid ghall-kontendenti, jekk tintlaqa f’dan l-istadju hekk matur tal-proceduri.

Rat id-digriet taghha tal-15 ta’ April, 1996 a fol. 309 tal-process u li permezz tieghu l-Qorti ipprovdiet li tiehu konjizzjoni tar-rikors u r-risposta fis-seduta prossima.

Rat ir-rikors ta’ l-atturi a fol. 320 tal-process ipprezentat fl-10 ta’ Dicembru, 1997 fejn huma talbu li din il-Qorti thalli din il-kawza ghas-sentenza u tippronunzja l-istess mill-aktar fis konvenjentement possibbli.

Rat id-digriet taghha tal-lum stess, u invista tal-fatt illi hija sejra taghti s-sentenza taghha llum stess, hija cahdet it-talba kif kontenuta allura fl-istess rikors.

Rat id-digriet taghha tad-29 ta’ Dicembru, 2004 a fol. 357 tal-process fejn il-Qorti irrikjamat il-kawza ghal-25 ta’ Jannar, 2005 ghal finali trattazzjoni jekk ikun il-kaz sabiex b’hekk il-kawza tkun tista tithalla ghas-sentenza finali.

Rat ir-rikors ta’ l-Ispizjar Alan u Maria konjugi Buttigieg a fol. 360 tal-process ipprezentat fl-14 ta’ Jannar, 2005 u li permezz tieghu talbu t-trasfuzzjoni tal-gudizzju minn isem Giocchino u Victoria konjugi Galea ghal fuq isimhom.

Rat id-digriet taghha tas-17 ta’ Frar, 2005 u li permezz tieghu laqghet it-talba.

Rat id-digriet taghha tal-20 ta’ Jannar, 2005 fejn il-Qorti iddikjarat illi hija saret taf bid-digriet ta’ assenjazzjoni tas-Sinjorija Tieghu l-Onorevoli Prim’ Imhallef datat 25 ta’ Novembru, 2004 nhar id-29 ta’ Dicembru, 2004. Illi in oltre irrizulta illi minn ezami tal-atti processwali hemm numru ta’ dokumenti u xhieda neqsin. Il-Qorti ordnat lid-Direttur tal-Qorti Civili sabiex jipprovdi l-inkartament kollu ta’ dan il-

process fis-seduta li jmiss u cioe sal-25 ta' Jannar, 2005 u fin-nuqqas tidher u taghti r-ragunijiet taghha ghal tali nuqqas.

Rat in-nota tar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali (Malta) b'risposta ghal komunika tad-digriet tal-20 ta' Jannar, 2005. Huwa informal ill-Qorti illi huwa d-Direttur u Registratur tal-Qorti t'Ghawdex li ghandu jassumi r-responsabbilita ta' tali atti u/jew processi. Minkejja dan, huwa inkariga lil Carmel Gauci, Court Assistant addett mal-Magistrat Carol Peralta sabiex jaghmel tfittxija fis-sigrieta tieghu halli jara jekk jinstabx il-process odjern, pero tali tfittxija irrizultat fin-negattiv.

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Jannar, 2005 fejn il-Qorti wara li rat in-nota tar-Registratur tal-Qorti ta' Malta datata 25 ta' Jannar, 2005 ordnat lid-Direttur tal-Qorti t'Ghawdex sabiex tpoggi ghad-disposizzjoni taghha l-process originali u fin-nuqqas li taghmel dan hija tidher biex taghti spjegazzjoni lill-Qorti.

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Dottor Mario Scerriipprezentat fl-24 ta' Jannar, 2005 a fol. 369 tal-process u li permezz tieghu huwa informa lill-Qorti illi dak in-nhar li giet appuntata il-kawza u cioe l-25 ta' Jannar, 2005 huwa kien ser jkun impenjat il-Qorti Malta u ghalhekk talab li din il-kawza tithalla ghal udjenza ohra.

Il-Qorti rat id-digriet taghha tal-25 ta' Jannar, 2005 fejn issollecitat lill-Avukat Dottor Mario Scerri sabiex jkun prezenti fis-seduta li jmiss. Il-Qorti ordnat komunika ta' dan il-verbal lill-istess Dottor Mario Scerri.

Rat ir-rikors ta' l-Ispizjar Alan u Maria konjugi Buttigieg a fol. 372 tal-process ipprezentat fl-24 ta' Frar, 2005 u li permezz tieghu huma talbu li l-Qorti tordna t-trasfuzjoni tal-gudizzju minn isem kull wiehed mill-konvenuti imsemmija ghal isem l-eredi taghhom indikati.

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Marzu, 2005 fejn ordnat in-notifika lill-eredi prezunti ai termini tal-artikolu 807(2) tal-Kap. 12;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta’ April, 2005 fejn il-Qorti ordnat, wara li rat ir-risposta tal-konjugi George u Nancy Cardona tal-15 ta’ Marzu, 2005 ordnat illi ghal dak li jirrigwarda l-eredita ta’ Michael Curmi l-gudizzju jigi trasfuz f’isimhom u in oltre ordnat illi issir l-annotazzjoni relattiva fl-okkju tal-kawza, u dana mir-Registratur tal-Qorti. Rat ukoll illi l-persuni l-ohra kollha gew debitament notifikati izda dawn baqghu ma wegbux ghal dan ir-rikors u li ddekkorra t-terminu ta’ xahar stabbilit fl-artikolu 807(2) tal-Kap. 12. Ghaldaqstant ai termini ta’ l-artikolu 807(3) tinnomina lill-Avukat Dottor Chris Said bhala kuratur ad litem sabiex dan jirraprezenta l-interessi tal-mejtin Rose Cardona, Lawrence Curmi u Giorgio Curmi fl-atti ta’ din il-kawza. Il-Qorti ordnat in-notifika lill-istess kuratur.

Rat illi fid-19 ta’ April, 2005 a fol. 387 tal-process il-konvenut Michael Curmi et dahhal risposta fejn informa lill-Qorti illi wara r-rikors ta’ l-Ispizjar Alan u Maria konjugi Buttigieg tat-2 (sic!) ta’ Frar, 2005 huma qeghdin jaqblu mat-talba ta’ l-atturi u jirrimettu ruhhom.

Rat ir-rikors tal-konvenuti Michael Curmi et ipprezentat fid-19 ta’ April, 2005 a fol. 388 tal-process u li permezz tieghu talab li din il-Qorti joghgobha tibghat din il-kawza quddiem il-Qorti li qed tisma l-kawza citazzjoni numru 97/79.

Rat id-digriet taghha tal-21 ta’ April, 2005 fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-partijiet kollha tal-kawza.

Rat ir-risposta tal-ispizjar Alan u Maria konjugi Buttigieg ipprezentata fl-4 ta’ Mejju, 2005 a fol. 428 et seq. tal-process u li permezz taghha talbu li dan ir-rikors jigi michud.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta’ Mejju, 2005 fejn il-Qorti cahdet it-talba u dan wara li rat l-artikolu tal-ligi 792 tal-kap. 12 u li l-fatti ta’ din il-kawza m’humiex bhal dawk tal-kawza citazzjoni numru 97/79 u li l-partijiet mhumiex l-istess.

Rat il-verbali tat-30 ta’ Mejju, 1986 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet u nfurmaw lil Qorti li qed isiru regolarment (sic!). Il-kawza giet differita ghar-relazzjoni ghas-17 ta’ Ottubru, 1986; tas-17 ta’ Ottubru, 1986 fejn il-Qorti peress li f’din il-kawza kien jehtieg in-nomina ta’ perit legali, innominat lil Avukat Dottor Alfred Grech bil-fakoltajiet kollha soliti u necessarji, inkluza li jisma x-xhieda bil-gurament u f’kaz li jkun hemm bzonn hu awtorizzat li jitlob in-nomina ta’ perit tekniku; tad-9 ta’ Jannar, 1987; tat-3 ta’ April, 1987 fejn Dr. Michael Grech informa lil Qorti illi seta’ kien hemm possibilita ta’ transazzjoni; tas-16 ta’ Ottubru, 1987 fejn il-Qorti talbet lil Dr. Grech biex jirritorna l-process biex jindika x’sar fis-seduta u tisma lill-partijiet; tal-4 ta’ Frar, 1988 fejn Dr. Alfred Grech informa lill-Qorti illi saret biss seduta wahda. Dr. Michael Grech ghall-atturi informa lill-Qorti li nqalghu xi eccezzjonijiet preliminari. Il-Qorti tat zmien lil Dr. Michael Grech biex jipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet in sostenn tat-tezi tieghu illi din il-Qorti ma tistax tiddeciedi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti jew uhud minnhom f’din il-kawza u dana sal-5 ta’ Marzu, 1988 bil-visto tal-kontro-parti li jkollha sal-5 ta’ April, 1988 biex jirrispondu; tal-24 ta’ Mejju, 1988 fejn il-partijiet infurmaw lill-Qorti illi d-diffikultajiet ventilati fil-verbal tal-4 ta’ Frar, 1988 gew rizolti u ghalhekk Dr. Alfred Grech LL.D. jista jkompli bil-perizja; tal-11 ta’ Ottubru, 1988; tat-28 ta’ Frar, 1989; tat-23 ta’ Mejju, 1989; tal-10 ta’ Ottubru, 1989; tal-5 ta’ Dicembru, 1989; tas-27 ta’ Frar, 1990; tal-24 ta’ April, 1990; tad-19 ta’ Gunju, 1990; tas-6 ta’ Novembru, 1990 fejn il-Qorti b’referenza ghar-rikors tal-21 ta’ Awissu, 1990 ipprezentat mill-Perit Legali Dottor Alfred Grech laqet it-talba u ezonoratu mill-inkarigu lilu moghti u issostitwitu b’Dottor Philip Bianchi; tad-29 ta’ Jannar, 1991; tas-26 ta’ Marzu, 1991; tat-18 ta’ Gunju, 1991; tat-3 ta’ Dicembru, 1991; tal-24 ta’ Marzu, 1992; tat-18 ta’ Gunju, 1992; tas-6 ta’ Ottubru, 1992; tas-26 ta’ Jannar, 1993 fejn Dottor Philip Bianchi halef li qeda fedelment u onestament l-inkarigu lilu moghti. Giet ipprezentata nota ghal periti perizjuri. Il-kawza giet differita ghall-ezami tar-Rapport; tal-25 ta’ Frar, 1993 fejn il-Qorti iddiferiet il-kawza <u>ghall-ahhar darba</u> sabiex sadakinhar il-konvenut ikun esplicitu fl-intenzjonijiet tieghu; tal-20 ta’ Mejju, 1993 fejn il-Qorti tat il-fakolta lill-konvenuti sabiex jaghmlu nota

ta’ osservazzjonijiet b’notifika lill-atturi sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Lulju, 1993 b’rispostamhux aktar tard mill-31 ta’ Awissu, 1993; tal-4 ta’ Novembru, 1993 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza wara li l-atti jigu regolarizzati; tal-24 ta’ Frar, 1994 fejn il-kawza giet differita ghal-legittimazzjoni tal-atti; tad-19 ta’ Mejju, 1994; tat-3 ta’ Novembru, 1994; tas-17 ta’ Jannar, 1995; tal-11 ta’ April, 1995; tat-13 ta’ Ottubru, 1995; tas-16 ta’ Frar, 1996; tal-31 ta’ Mejju, 1996; tat-12 ta’ Lulju, 1996; tal-4 ta’ Ottubru, 1996; tas-6 ta’ Dicembru, 1996; tas-16 ta’ Jannar, 1997; tal-20 ta’ Marzu, 1997; tal-10 ta’ April, 1997; tat-12 ta’ Gunju, 1997; tas-16 ta’ Ottubru, 1997; tas-27 ta’ Novembru, 1997; tat-8 ta’ Jannar, 1998; tad-19 ta’ Frar, 1998; tat-23 ta’ April, 1998; tal-25 ta’ Gunju, 1998; tat-8 ta’ Ottubru, 1998; tal-21 ta’ Jannar, 1999; tal-25 ta’ Marzu, 1999; tal-21 ta’ Ottubru, 1999; tat-3 ta’ Frar, 2000; tas-6 ta’ April, 2000; tat-8 ta’ Gunju, 2000; tat-12 ta’ Ottubru, 2000; tal-25 ta’ Jannar, 2001; tal-24 ta’ Mejju, 2001; tat-13 ta’ Settembru, 2001; tal-25 ta’ Ottubru, 2001; tas-17 ta’ Jannar, 2002; tal-21 ta’ Marzu, 2002; tal-4 ta’ Lulju, 2002; tas-17 ta’ Ottubru, 2002; tad-9 ta’ Jannar, 2003; tal-20 ta’ Frar, 2003; tal-24 ta’ April, 2003; tas-26 ta’ Gunju, 2003; tad-9 ta’ Ottubru, 2003; tat-22 ta’ Jannar, 2004; tal-15 ta’ April, 2004; tal-21 ta’ Ottubru, 2004; tal-25 ta’ Jannar, 2005 fejn Dr. Anton Refalo informa lil Qorti illi Rosina Cardona mietet u obbliga ruhhu li ser jaghmel il-legittimazzjoni tal-atti. Il-Qorti giet infurmata li l-konvenuti l-ohra huma patrocinati minn Dr. Mario Scerri. Il-Qorti issollecitatu li jkun prezenti fis-seduta li jmiss. Il-Qorti ordnat komunika ta’ dan il-verbal lill-istess Dottor Mario Scerri. Il-Qorti wara li rat in-nota tar-Registratur tal-Qorti ta’ Malta datata 25 ta’ Jannar, 2005 ordnat lid-Direttur tal-Qorti t’Ghawdex sabiex tpoggi ghad-disposizzjoni taghha l-process originali u fin-nuqqas li taghmel dan hija tidher biex taghti spjegazzjoni lill-Qorti; tat-8 ta’ Frar, 2005 fejn meta issejjhet il-kawza l-partijiet ma deherux. Il-Qorti kienet sprovvista mill-process u ordnat lid-Direttur tal-Qorti sabiex tipprovdi l-process fis-seduta li jmiss u fin-nuqqas tidher u taghti spjegazzjoni lill-Qorti; tat-8 ta’ Marzu, 2005 fejn il-Qorti irrilevat illi minkejja d-digrieti taghha precedenti sabiex jingieb ghad-disposizzjoni taghha l-process relattiv, il-Qorti ghadha sprovvista minn dan il-

process u dan nonostante li din il-kawza giet assenjata lilha f'Novembru, 2004. Il-Qorti ordnat lid-Direttur tal-Qorti t'Ghawdex iggib a disposizzjoni taghha tali process u fin-nuqqas tidher u taghti spjegazzjoni lill-Qorti. Giet ordnata komunika lis-Sinjorija Tieghu l-Onorevoli prim' Imhallef; tat-12 ta' April, 2005 fejn irrizulta illi l-process ghadu mhux ghad-disposizzjoni tal-Qorti. Giet ordnata komunika lid-Direttur tal-Qorti; tal-31 ta' Mejju, 2005; tat-2 ta' Gunju, 2005 fejn il-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza.

Rat in-nota a fol. 214 tal-process ipprezentata mill-konvenuti fis-26 ta' Jannar, 1993 fejn talbu li jigu nominate Periti Perizjuri skond il-ligi. Rat il-verbal taghha tal-25 ta' Frar, 1993 fejn il-Qorti iddiferiet il-kawza ghall-ahhar darba sabiex sadakinhar il-konvenut ikun esplicitu fl-intenzjonijiet tieghu, ghal 20 ta' Mejju, 1993.

Rat id-digriet taghha fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 674 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li rat li l-hatra ta' periti addizzjonali hija fakoltattiva, tichad din it-talba.

Rat in-nota datata 25 ta' Marzu 1994 a fol. 265 tal-process u li permezz taghha Silvana Curmi assumiet l-atti tal-kawza f'isimha stante li illum hija maggorenni;

Rat in-nota datata 25 ta' Marzu 1994 a fol. 266 tal-process u li permezz taghha Carmela Camilleri assumiet l-atti ta' dina l-kawza stante l-presenza taghha f'dawn il-Gzejjer.

Rat in-nota ta' l-atturi a fol. 264 tal-process fejn permezz taghha iddikjaraw illi Carmelo Curmi huwa l-eredi prezuntiv tal-mejjet Lorenzo Curmi.

Rat in-nota a fol. 272 tal-process ta' Giuseppa Curmi ipprezentata fid-29 ta' April, 1994 fejn hija accettat il-bandu sabiex tidher in rapprezentanza tal-wirt ta' Lorenzo Curmi li kien jigi zewgha.

Rat in-nota tar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali (Malta) b'risposta ghal komunika tad-digriet tal-20 ta' Jannar, 2005. Huwa informal ill-Qorti illi huwa d-Direttur u Registratur tal-Qorti t'Ghawdex li ghandu jassumi r-

responsabbilita ta' tali atti u/jew processi. Minkejja dan, huwa inkariga lil Carmel Gauci, Court Assistant addett mal-Magistrat Carol Peralta sabiex jaghmel tfittxija fis-sigrieta tieghu halli jara jekk jinstabx il-process odjern, pero tali tfittxija irrizultat fin-negattiv.

Rat in-nota ta' George u Nancy konjugi Cardona ipprezentata fil-15 ta' Marzu, 2005 a fol. 384 tal-process u li permezz taghha huma accettaw illi l-gudizzju ghal dak li jirrigwarda l-eredita ta' Michael Curmi jigi trasfuz f'isimhom.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-relazzjoni mahlufa tal-Perit Legali Dottor Philip Bianchi a fol. 93 et seq. tal-process.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

Ikkunsidrat:

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

Illi din hija sentenza preliminari fuq l-eccezzjonijiet imqanqla minn uhud mill-konvenuti.

L-ewwel eccezzjoni li ser tigi investita minn din il-Qorti hija dik li tirrigwarda l-allegata nullita tac-citazzjoni. Il-konvenuti jecepixxu illi "*peress illi l-assi ereditarji ma jikkonsistux f'bicca raba wahda biss u ghalhekk l-ewwel messa intalbet il-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-ereditajiet, li minnhom hija provenjenti dina l-istess bicca raba "Ta' Cenc" jew "Ta' Skerla", limiti ta' Sannat, Ghawdex b'talba "ad hoc" sabiex issir d-divizjoni ta' dawna l-ereditajiet u bin-nomina tan-Nutar biex jippublika l-att ta' divizjoni*". Illi ghalhekk apparti l-kwistjoni tan-nullita o meno tac-citazzjoni odjerna, l-konvenuti qeghdin jecepixxu ukoll illi ma tistax tintalab divizjoni parzjali.

Illi dwar in-nullita tac-citazzjoni inghad hafna fis-sentenzi tal-Qrati nostrani. Ma huwiex il-kaz li din il-Qorti toqghod tidhol funditus f'rassenja ta' gurisprudenza f'dan ir-

rigward. Ikun utili biss illi jigu misluta ftit minnhom sabiex wiehed jara jekk verament hemmx in-nullita jew le tac-citazzjoni odjerna.

L-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellem dwar l-eccezzjoni ta' nullita ta' atti gudizzjarji.

(1) L-eċċezzjoni ta' nullità ta' l-atti ġudizzjarji tista' tingħata –

(*a*) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;
(*b*) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;
(*ċ*) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;
(*d*) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:

Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (*a*), (*ċ*), u (*d*) ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-liġi.

(2) L-eċċezzjoni ta' nullità ta' att, taħt il-paragrafu (*ċ*) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ma tistax tingħata, meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħat tagħmel jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru atti oħra wara, mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullità.

Minn qari akkurat ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti wiehed ghandu jirrejalizza illi l-istess konvenuti qeghdin jorbtu din l-allegata nullita mal-fatt illi l-atturi talbu divizjoni parzjali u mhux divizjoni totali.

Illi l-każijiet li fihom l-eċċezzjoni tan-nullita' ta' atti ġudizzjarji jistgħu jingħataw huma dawk imsemmija fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-erba’ (4) ċirkostanzi msemmija f’dak l-artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex dik l-eċċezzjoni ta’ nullita’ ta’ att ġudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa’ taħt il-parametri ta’ xi waħda mill-imsemmija ċirkostanzi;

Inghad illi, “*minbarra dan, bis-saħħa tal-bidliet li saru fil-liġi bl-Att XXIV tal-1995, l-eċċezzjoni ma tirnexxix lanqas (fejn mhix imsejsa fuq il-ħruġ tal-att ġudizzjarju minn qorti li mhix kompetenti) jekk in-nuqqas jew ksur ikunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-ligi. Tifsira tajba ta’ din id-disposizzjoni, flimkien ma’ l-isfond li fih il-leġislatur wera li ried iqegħdha, hija mogħtija f’sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Salvino Busuttil et vs Agostino Baldacchino** (deciza fit-**28.1.1998** (Kollez.Vol: **LXXXII.ii.30**)*”.

Illi, f’dan il-każ, il-liġi qegħda tagħmel riferenza għall-bidliet illi jistgħu jsiru f’att ġudizzjarju bis-saħħa tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12, ukoll kif mibdul fl-1995;

Illi l-liġi tipprovdi ukoll li att ġudizzjarju, magħmul bis-saħħa ta’ att null jew li ġej minn att null, huwa null ukoll (art. 98 tal-Kap 12);

Illi għalkemm l-konvenuti ma semmewx taħt liema subinċiż tal-artikolu 789 qegħdin iressqu l-eċċezzjoni tagħhom taħt esami, huma jsemmu n-nullita’ tal-Att taċ-Citazzjoni, u dan billi ma tistax tintalab divizjoni parzjali ta’ proprjeta detenuta in komproprjeta u li ghalhekk l-istess azzjoni odjerna hija nulla ghax messa intalbet “*il-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-ereditajiet, li minnhom hija provenjenti dina l-istess bicca raba “Ta’ Cenc” jew “Ta’ Skerla”, limiti ta’ Sannat, Ghawdex b’talba “ad hoc” sabiex issir d-divizjoni ta’ dawna l-ereditajiet u bin-nomina tan-Nutar biex jippublika l-att ta’ divizjoni*”.

Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel parti ta’ l-eccezzjoni imqajjma mill-konvenuti u cioe li din ic-citazzjoni odjerna hija nulla.

Illi l-liġi, tippreskrivi, fost l-oħrajn, li ċ-Citazzjoni għandu jkun fiha tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba

(art. 156 (1) (a) tal-Kap 12). Marbut ma' dan ir-rekwiżit, hemm il-prinċipju li l-parti mħarrka trid tingħata l-fakolta' li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iħarrikha;

Illi huwa sewwasew dwar din id-disposizzjoni li wieħed isib għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jfissru l-limiti tagħha fid-dawl tal-eċċezzjoni tan-nullita' tal-Att taċ-Citazzjoni minħabba n-nuqqas ta' ħarsien tal-liġi. Hafna minn dawn id-deċiżjonijiet ingħataw minħabba li jkun ġie allegat li t-talba kienet inċerta, x'aktarx sintesi ta' jeddijiet li kull wieħed minnhom jagħti lok għal azzjoni distinta u separata. Għal xi zmien, il-forma tal-att ġudizzjarju kienet issaltan, imma, biż-żmien u b'interventi tal-leġislatur, issawret it-tejorija magħrufa bħala tal-ekwipollenti li nisslet il-prinċipju li m'hijiex meħtieġa ebda għamla espressa għall-proposizzjoni tal-azzjoni (P.A.: **9.3.1965** fil-kawza fl-ismijiet ***M. Muscat noe vs Dr. J. Cassar et noe*** (Kollez. Vol:**XLIX.ii.809**) u s-sentenzi hemm imsemmija);

Illi, għalhekk, ċitazzjoni m'għandhiex tiġi mwaqqgħa għajr għal raġunijiet gravi (App. Civ. **20.2.1935** fil-kawza fl-ismijiet **R. Merola pro. et vs S. Caruso** (Kollez. Vol: **XXIX.i.106**)**;**). Madankollu, biex ċitazzjoni jista' jingħad li għandha kawżali ċara biżżejjed jeħtieġ li jirrisulta rapport ta' rabta raġonevoli bejn il-premessi u t-talba nnifisha mmirata lejn il-persuna mħarrka. Jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' għamla u kwalita' tali li jċaħħad b'mod serju lill-imħarrek mid-difiża tiegħu, iċ-ċitazzjoni għandha tiġi mwaqqgħa (App. Civ. **22.5.1967** fil-kawza fl-ismijiet ***E. Scicluna vs M. Xuereb et*** (Kollez. Vol: **LI.i.299**));

Illi ngħad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju. Biex att ta' ċitazzjoni jgħaddi mill-prova tal-validita' huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha (P.A.: **14.2.1967** fil-kawza fl-ismijiet ***J.G. Coleiro vs Dr. J. Ellul*** **(**Kollez. Vol:**LI.ii.779**));

Illi huwa wkoll miżmum bħala prinċipju ġenerali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu, misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri (App. Civ**. 7.3.1958** fil-kawza fl-ismijiet ***J. Tabone vs J. DeFlavia*** (Kollez. Vol:**XLII.i.87)**). B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawża ma jġibx preġudizzju serju lill-parti mħarrka, allura l-proċedura tkun tista' tiġi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjonijiet (P.A.: **24.6.1961** fil-kawza fl-ismijiet **Falzon vs Spiteri et** (Kollez. Vol:**XLVIII.ii**.))

Illi ghalhekk, wara li l-Qorti ghamlet referenza ghal gurisprudenza hawn fuq imsemmija, hija ma ghandhiex triq ohra ghajr li tichad l-istess eccezzjoni ta' nullita.

Dwar it-tieni parti ta' l-eccezzjoni, u cioe jekk tistax issir divizjoni parzjali o meno ukoll inghad hafna. Fost dawn is-sentenzi insibu illi fis-sentenza **Spiridione Curmi et vs Salvatore sive Saviour Curmi** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-21 ta' Ottubru, 1992 per Onor. Imh. Anton Depasquale inghad li "gie kostantement ritenut mill-Qrati taghna illi divizjoni parzjali ma hix ammissibbli jekk ma jkunx hemm il-kunsens ta' l-interessati kollha (v. **Vol. XXIX/ii/940** "**Pulo vs Pulo**" u **Vol. XXXV/ii/458** "**Baldacchino vs Baldacchino**"), u l-konvenut, illi huwa parti interessata, mhux qed jaghti l-kunsens tieghu ghad-divizjoni parzjali, tant illi avvanza l-eccezzjoni in ezami";

Fis-sentenza **Joseph Borg vs Emanuela Vella et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Marzu, 1995 per Onor. Imh. Mifsud Bonnici, JD Camilleri u J. Filletti inghad li "Divizjonijiet parzjali ma jistghux jigu koncessi mill-Qorti jekk xi wiehed mill-koproprjetarji jopponi divizjoni ta' parti mill-koproprjeta u mhux tal-koproprjeta kollha. Divizjoni hi mmirata biex permezz taghha tigi tterminata l-komunjoni u dan l-iskop ta' l-azzjoni ma jintlahaqx jekk kemm-il darba dik l-azzjoni tkun limitata b'mod li thalli l-kontendenti fl-istat komunitarju, jew ahjar, konsorti (ara Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Frar, 1936 **Pulo vs Pulo Vol. XXIX/ii/940**)".

Ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Ines Attard vs Edwin Attard et** deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta’ Jannar, 2001 per Onor. Imh. Raymond Pace intqal illi “...filwaqt li din il-Qorti hija konkordi mal-principju li divizjonijiet parzjali ma humiex permessi, izda ovvjament din il-massima ghandha l-eccezzjonijiet taghha fosthom meta jkun hemm il-kunsens tal-kondividenti kollha, (bhal ma huwa l-kaz odjern, liema kunsens gie manifestat bl-iskrittura privata premessa)”.

Li divizijoni parzjali ma hijjiex permessa u konsentita mill-ligi johrog car mill-kawza fl-ismijiet **Giorgio Pulo vs Francesco Pulo** (P.A. (W.H.) tal-1 ta’ Frar, 1936 **XXIX/ii/940**) fejn inghad:

“Illi per regola d-divizjonijiet parzjali ma humiex ammessibbli, ghaliex id-divizjoni ghandha l-iskop li tittermina l-komunjoni u kwindi jidher guridikament kontrasens li ssir divizjoni w intant jibqa komunjoni. Imma l-kunsens tal-kollitiganti jista’ jiggustifika eccezzjoni ghal din il-massima ... In oltre, l-gudikant meta hemm il-kunsens tal-kollitiganti kollha, ghandu jsegwi kemm jista jkun il-massima “judicem in pradiis dividendis quod omnibus utilissimum est, vel quod malint litigatores sequi convenit”.

Illi dan il-kuncett gie ribadit fis-sentenza **John Mallia vs Alfred Cassar et** (P.A. (G.V.) 3 ta’ Ottubru, 1996, u l-ostaklu f’dik il-kawza kien li  ma kienx hemm il-kunsens tal-partijiet kollha ghad-divizjoni ta’ bejt proposta, (mentri f’dan il-kaz hemm il-kunsens tal-konvenuti, kif manifestat fl-iskrittura u dikjarazzjoni tal-konvenuti tat-12 ta’ Awissu, 1993)”.

Ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **John Elull et vs Vincenza mart Anthony Cassar et** deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta’ Marzu, 2003 per Onor. Imh. Tonio Mallia inghad illi “Dak li qed jitolbu l-eredi (ta’ Michael Ellul) jekwivali ghal qasma parzjali, li mhux permessa jekk mhux bil-kunsens tal-kondividendi kollha – ara s-sentenzi riportati fil-Volum **XXXV/i/188** u **XXXV/ii/458**”.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Jason Vella et vs Dr. Philip Manduca noe</u>** deciza ukoll mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta’ April, 2003 per Onor. Imh. Joseph Micallef inghad li “huwa mghallem ukoll f’dan il-qasam li ma tistax issir il-licitazzjoni ta’ gid immobbiljari wiehed jekk is-sidien ikunu jzommu bejniethom gid komuni iehor. M’huwiex imholli lis-sidien komuni li jwettqu process spezzettat tal-qasma ta’ gidhom komuni, bhalma lanqas huwa moghti (ghaliex intempestiva) li ssir talba ghal-licitazzjoni ta’ post li jaghmel bicca minn wirt li ghadu ma giex likwidat (Ara App. Kumm. 29.4.1949 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Farrugia et vs Farrugia</u>** – Kollez. **Vol. XXXIII.iii.522**).”

Illi fil-kawza fl-ismijiet **<u>Tereza Farrugia et vs Giuseppe Camilleri et</u>** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell (Inferjuri) fl-10 ta’ Marzu, 2004 per Onor. Imh. Philip Sciberras inghad li “Indubbjament l-eccezzjoni moghtija hija l-effett tar-regola tal-azzjoni “familae erciscundae” tad-dritt Ruman li bis-sahha taghha ma jistghux jigu spigolati beni individwali ndivizi ghall-finijiet ta’ divizjoni parzjali. Hekk gie dikjarat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Maria mart Edgar Vassallo et vs Emmanuele Vella</u>**, Appell, Sede Inferjuri, 12 ta’ Marzu 1979 fejn a propozitu fiha l-atturi kienu qed jitolbu dikjarazzjoni li l-konvenut okkupa abbuzivament bicca raba li kienet f’idejn missierhom bi qbiela minghand il-Gvern u fejn kien hemm qbil ukoll illil-wirt tieghu kien ghadu mhux likwidat u diviz. Kif jinghad fid-decizjoni a **Vol XXX/ii/203** l-“actio familae erciscundae” tolqot “omne jus quod defunctus habuit” u dan bla distinzjoni jekk kienx dritt personali jew ‘in rem’. Li jfisser li fil-likwidazzjoni jidhlu l-assijiet kollha kemm jekk b’titolu ta’ proprjeta jew ta’ kera. Ghaldaqstant “mhux lecitu li wiehed jispigola parti minn assi ereditarju u jitlob gudizzju fuq dawk il-beni hekk spigolati u singoli imma ghandu jitlob il-likwidazzjoni tal-assi kollha” (Kollez **Vol XXXVI/i/375** u **Vol XXIX/i/1203**). Dan sahansitra “sal-punt li ma humiex premessi procedimenti separati, lanqas preamboli jew preparatorji, fuq sustanzi komponenti l-istess wirt” (Kollez **Vol XXXVI/ii/540**). Kif jinsab ukoll pacifikament akkolt fuq l-insenjament tal-**Laurent** (“<u>Principii di Diritto Civile</u> Vol X para 291) “l-uniku mezz li kien ikun validu ghall-effettwazzjoni ta’ qasma parzjali kien ikun il-kunsens

unanimu tal-kollitiganti – f'liema kaz biss ir-regola li divizjoni parzjali mhix ammissibbli ccedi l-kamp di fronte ghall-volonta unanimi ta' l-interessati" (Kollez **Vol XXXV/i/458**)."

Sentenza importanti ukoll hija dik fl-ismijiet **Maria Assunta Casha et vs Joseph Mary Cutajar et** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Gunju, 2004 per Onor. Imh. Joseph Azzopardi fejn inghad illi "Ghalhekk meta jsir tali bejgh (f'dan il-kaz wiehed mill-werrieta biegh sehmu minn proprjeta partikolari) il-venditur ikun qed jaghmel qasma partikolari qabel ma jbiegh appuntu dik il-parti u dan ma jistax isir – ara per ezempju sentenza recenti tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili **Ellul vs Cassar** deciza fl-20 ta' Marzu 2003 fejn il-Qorti spjegat li divizjoni parzjali ma tistax issir jekk mhux bi qbil bejn il-kondividenti kollha. Il-bejgh ta' porzjoni indiviza jippressupponi divizjoni parzjali – haga li ma tistax issir."

L-iktar sentenza recenti li iltaqghet maghha l-Qorti fuq din il-kwistjoni ta' divizjoni parzjali hija dik fl-ismijiet **Josephine Catania pro et noe vs Louis Spiteri** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Frar, 2005 per Onor. Imh. Lino Farrugia Sacco fejn dik il-Qorti qalet illi "Tezisti distinzjoni bejn divizjoni parzjali u divizjoni totali ta' l-eredita. Il-konvenut ma tax il-kunsens tieghu ghad-divizjoni parzjali, tant li avvanza l-eccezzjoni in ezami. F'dan il-kuntest, il-Qrati taghna, hafna drabi, ddecidew favur id-divizjoni totali, mhux parzjali. Fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Borg vs Emanuela Vella et** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Marzu, 1995 inghad illi "divizjonijiet parzjali ma jistghux jigu koncessi mill-Qorti jekk xi wiehed mill-koproprjetarji jopponi divizjoni ta' parti mill-koproprjeta u mhux tal-koproprjeta kollha. Divizjoni hi mmirata biex permezz taghha tigi tterminata u dan l-iskop ma jintlahaqx jekk kemm-il darba dik l-azzjoni tkun limitata b'mod li thalli l-kontendenti fl-istat komunitarju, jew ahjar konsorti (ara Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Frar, 1936 **Pulo vs Pulo** (**Vol. XXIX/ii/940**). Fil-kawza **Giuseppe Baldacchino vs Rosina Baldacchino** deciza minn dina l-Qorti fl-24 ta' Lulju, 1951 (**Vol. XXXV/ii/458**) inghad: "Illi dak li ghamlet u ordnat dina l-Qorti bid-digriet in

kontestazzjoni huwa qasma parzjali, fejn ma jikkonkorrix il-kunsens tal-kollitiganti kollha – haga li ma tistax issir; Illi huwa principju konoxxut li l-azzjoni “familiae erciscundae” hija universali u individwa, u ma tistax tigi xissa. Huwa ghalhekk li jrid ikun hemm ghaliha l-konkors tal-kondividenti kollha biex issir il-qasma in-natura, li hija r-regola; Ukoll fil-kawza deciza fil-21 ta’ Ottubru, 1992 mill-Qorti tal-Kummerc, fl-ismijiet **Spiridione Curmi et vs Salvatore sive Saviour Curmi** inghad: “Illi gie kostantement ritenut mill-Qrati taghna illi divizjoni parzjali ma hix ammissibbli jekk ma jkunx hemm il-kunsens ta’ l-interessati kollha (v. **Vol. XXIX/ii/940 <u>Pulo vs Pulo</u>** u **Vol. XXXV/ii/458 <u>Baldacchino vs Baldacchino</u>**) u l-konvenut, illi huwa parti interessata, mhux qed jaghti l-kunsens tieghu ghad-divizjoni parzjali, tant illi avvanza l-eccezzjoni in ezami”.

Illi l-Qorti allura jehtigielha tara jekk dak li qeghdin jitolbu l-atturi f’din il-kawza hijiex proprju divizjoni parzjali ta’ diversi proprjetajiet.

Jirrizulta mill-premessi tac-citazzjoni illi b’kuntratt datat 18 ta’ Ottubru, 1982 fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo, Clementa mart l-attur Emmanuel Bonnici u Emanuel Galea akkwistaw minghand il-wirt battal ta’ Lorenzo Galea in-nofs indiviz minn bicca art imsejjah “Ta’ Skerla” fil-limiti ta’ Sannat, Ghawdex bil-kejl ta’ 1124m.k. Skond l-imsemmi kuntratt, Emanuel Galea biegh u ittrasferixxa sehmu lil Jack Galea.

Jirrizulta ukoll illi l-konvenuti huma l-komproprjetarji l-ohra tan-nofs indiviz ta’ l-istess raba;

Skond id-dokument ipprezentat a fol. 14 et seq. tal-process u cioe l-kuntratt ta’ akkwist immsemmi hawn fuq u li jgib id-data tat-18 ta’ Ottubru, 1982 il-Prokuratur Legali Marcell Mizzi bhala l-kuratur tal-wirt battal ta’ Lorenzo Galea u dan kif nominat ghall-effett infraskritt b’zewg digrieti tal-Qorti ta’ Ghawdex Superjuri Civili tal-14 ta’ Settembru, 1982 u iehor ta’ l-20 ta’ Settembru, 1982 biegh u ittrasferixxa lill-Clemenzia Bonnici tlett bicciet raba

imsejha “Tal-Gonna” limiti Xewkija. Dawn it-teltt bicciet raba fihom il-kejl ta’ cirka 1248m.k., 567m.k. u 567m.k.

Fl-istess kuntratt il-Prokuratur Legali Marcell Mizzi nomine biegh u ittrasferixxa lil Emanuel Galea u Clemenzia Bonnici (a) bicca raba imsejha “Ta’ Cenc” jew “Ta’ Skerla” limiti Sannat tal-kejl ta’ cirka 187.4m.k. u (b) ½ indiviz ta’ bicca raba imsejha “Ta’ Skerla” limiti Sannat tal-kejl cirka ta’ 1124m.k.

F’dan il-kuntratt ukoll deher Gioacchino sive Jack Galea li xtara u akkwista minghand Emanuel Galea l-immobbli kollha hawn fuq mixtrija mill-istess Emanuel Galea. Dan Jack Galea xtara u akkwista ukoll minghand Clemenzia Bonnici l-parti mill-art maghrufa bhala “Tal-Gonna”tal-kejl ta’ cirka 567m.k.

Fl-istess kuntratt ukoll gie dikjarat illi “*Jack Galea minn naha l-wahda u Clemenzia Bonnici ser jaqsmu l-bicca raba’ Ta’ Skerla sive Ta’ Cenc*”. Kompla jinghad fl-imsemmi kuntratt ta’ divizjoni illi “*ghal dan l-iskop dan l-fond gie maqsum f’zewg porzjonijiet wahda markata “A” fuq il-pjanta ta’ cirka 93.7m.k. jew kejl verjuri ... u l-ohra markata “B” tal-istess kejl*”. Wara s-sortegg il-porzjoni “A” messet lill Clemenzia Bonnici u l-porzjoni “B” lil Jack Galea.

Illi l-abbli Perit Legali fir-rapport tieghu a fol. 103 et seq. tal-process jghid illi:

“Il-bicca art tal-kejl ta’ cirka 1124m.k. imsejha “Ta’ Skerla”, fil-limiti ta’ Sannat, Ghawdex, konfinanti mit-tramuntana ma’ beni ta’ Frenc Grima, mill-Lvant ma’ beni ta’ Joseph Gauci u min-nofsinhar ma’ beni tal-eredi ta’ Dato Muscat kienet fi zmien tappartjeni lil Pasquale Buttigieg li, meta miet, in forza tat-testment tieghu tal-21 ta’ Gunju, 1920, fl-Atti tan-Nutar Francesco Refalo, ghaddiet ghand u intirtet nofs indiviz minn Roza Galea u n-nofs indiviz l-iehor minn Pawlu Buttigieg. Roza Galea u Pawlu Buttigieg kienu jigu l-ahwa ta’ l-imsemmi Pasquale Buttigieg, il-mejjet.

Illi s-sehem ta' nofs indiviz ta' Roza Galea, wara l-mewt ta' dina Roza Galea, intirtet mit-tifel taghha Lorenzo Galea. Dan Lorenzo Galea miet fil-25 ta' Dicembru, 1977, u, wara l-mewt tieghu, l-Prokuratur Legali Marcel Mizzi, nominat b'digriet tal-Qorti ta' Ghawdex Superjuri Civili – hekk kif inhu deskritt fil-kopja tal-kuntratt notarili li jinsab a fol. 14 tal-process – nominat biex jirraprezenta l-wirt battal ta' Lorenzo Galea, biegh dan l-istess nofs indiviz ta' Lorenzo Galea lil Clemenza Bonnici u Emanuel Galea; sehem Emanuel Galea in segwitu ghadda ghand Jack Galea, wiehed mill-atturi. Illi l-atturi Jack Galea u Emmanuel Buttigieg bhala prova tat-titolu taghhom ipproducew jew esibew kopja tal-kuntratt datat it-18 ta' Ottubru, 1982 fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo (vide fol. 14-19 tal-process) in forza ta' liema kuntratt huma jipprovaw u juru l-akkwist li huma ghamlu minnghand il-Prokuratur Legali Marcel Mizzi nomine.

Illi s-sehem ta' nofs indiviz l-iehor li kien intiret minn Paolo Buttigieg, kif intqal hawn fuq, illum jappartjeni lill-konvenuti ilkoll flimkien; ma ngabet l-ebda prova ta' dan, pero jidher illi dina ma hijiex kwistjoni li giet ikkontestata.

Illi dina l-art "Ta' Skerla" kienet gieli tissemma jew tissejjah bl-isem ta' "Ta' Malampu", u fi zmien kienet imqabbla ghand u tinhadem minn George Curmi u sussegwentement minn Giuzeppi Curmi, li jigu l-antenati ta' xi whud mill-konvenuti".

Illi din il-Qorti regghet ezaminat id-dokumenti kollha esebiti u ghandha is-segwenti xi tghid:

a) Illi meta l-Qorti ezaminat it-testment tal-mejjet Pasquale Buttigieg (a fol. 157 et seq. tal-process) hija setat tikkonstata illi fis-sitt artiklu ta' dan it-testment hemm is-segwenti:

"*Il suddetto Pasquale Buttigieg nomina e istituisce come suoi eredi universali dei beni gli infrascritti legati e piu disposizioni, i figli d'ambo essi di Rosa moglie di Michelangelo Galea sorella germana di detto testatore Buttigieg in una intiera meta ed i figli di ambo essi del fu*

*Paolo Buttigieg di lui fratelli germani nell' altra intiera meta*".

b) Illi ghalhekk l-abbli Perit Legali ma kienx korrett meta huwa qal fir-rapport peritali tieghu illi "*Il-bicca art tal-kejl ta' cirka 1124m.k. imsejha "Ta' Skerla", fil-limiti ta' Sannat, Ghawdex, konfinanti mit-tramuntana ma' beni ta' Frenc Grima, mill-Lvant ma' beni ta' Joseph Gauci u min-nofsinhar ma' beni tal-eredi ta' Dato Muscat kienet fi zmien tappartjeni lil Pasquale Buttigieg li, meta miet, in forza tat-testment tieghu tal-21 ta' Gunju, 1920, fl-Atti tan-Nutar Francesco Refalo, ghaddiet ghand u intirtet nofs indiviz minn Roza Galea u n-nofs indiviz l-iehor minn Pawlu Buttigieg. Roza Galea u Pawlu Buttigieg kienu jigu l-ahwa ta' l-imsemmi Pasquale Buttigieg, il-mejjet*".

c) Illi lanqas ma tista tifhem il-Qorti kif l-abbli Perit Legali wasal ghal konkluzzjoni "*Illi s-sehem ta' nofs indiviz ta' Roza Galea, wara l-mewt ta' dina Roza Galea, intirtet mit-tifel taghha Lorenzo Galea*" (ara fol. 103). Skond id-denunzja esebita a fol. 198 tal-process u senjatament a fol. 202 jirrizulta illi Rosa u Michelangelo konjugi Galea kellhom sebat' (7) itfal. Illi ghalhekk, jekk kellha xi sehem Rosa Buttigieg, dan ghadda ghand l-erba' (4) ulied li ssopravivewa (u cioe Carmela, Grazia, Margherita, Giuseppa u Lorenzo ahwa Galea). Pero kif diga qalet din il-Qorti kienu s-seba' ulied ta' Rosa u Michelangelo konjugi Galea li wirtu lil Lorenzo Buttigieg.

d) Illi pero l-Qorti taqbel ma dak li qal l-abbli Perit Legali meta jghid fir-relazzjoni peritali tieghu illi "Dan Lorenzo Galea miet fil-25 ta' Dicembru, 1977, u, wara l-mewt tieghu, l-Prokuratur Legali Marcel Mizzi, nominat b'digriet tal-Qorti ta' Ghawdex Superjuri Civili – hekk kif inhu deskritt fil-kopja tal-kuntratt notarili li jinsab a fol. 14 tal-process – nominat biex jirraprezenta l-wirt battal ta' Lorenzo Galea, biegh dan l-istess nofs indiviz ta' Lorenzo Galea lil Clemenza Bonnici u Emanuel Galea; sehem Emanuel Galea in segwitu ghadda ghand Jack Galea, wiehed mill-atturi. Illi l-atturi Jack Galea u Emmanuel Buttigieg bhala prova tat-titolu taghhom ipproducew jew esibew kopja tal-kuntratt datat it-18 ta' Ottubru, 1982 fl-atti

tan-Nutar Dottor Michael Refalo (vide fol. 14-19 tal-process) in forza ta' liema kuntratt huma jipprovaw u juru l-akkwist li huma ghamlu minnghand il-Prokuratur Legali Marcel Mizzi nomine".

Illi meta l-Qorti ezaminat id-denunzja tal-mejjet Lorenzo Galea (a fol. 198 et seq. tal-process) hija setat tikkonstata illi huwa fid-data tal-mewt tieghu kellu diversi proprjeta imxerda ma' Ghawdex kollu.

Illi l-abbli Perit Legali fir-rapport tieghu jkompli jghid illi "u ghalhekk jidher illi l-konvenuti ghandhom ragun meta jghidu li l-art in kwistjoni ma hijiex l-unika bicca art/proprjeta li hemm fil-wirt ta' Lorenzo Galea. Pero, ghandhomx ragun fir-rikjesta taghhom lil Qorti li l-Qorti b'hekk ghandha tilqa l-eccezzjonijiet issollevati minnhom hija kwistjoni ohra". L-istess Perit Legali jkompli jghid illi "l-Prokuratur Legali Marcel Mizzi fil-kariga tieghu kif deskritt a fol. 14 li huwa l-ewwel faccata tal-kuntratt notarili li bih l-atturi akkwistaw is-sehem ta' nofs indiviz tal-art in kwistjoni, kien mahtur mill-Qorti bhala kuratur tal-wirt battal ta' Lorenzo Galea – hekk nominat mill-Qorti Superjuri Civili ta' Ghawdex; u jirrizulta ukoll (vide l-istess att notarili a fol. 14) illi l-bejgh lill-atturi sar bl-approvazzjoni tal-Qorti stess b'digrieti specifici; dawn id-digriet ma gewx esibiti fil-process ta' dina l-kawza, izda huma annessi mal-att notarili imsemmi, u l-esponent ma jidhirlux li hemm raguni ghaliex huwa ghandu jiddubita dan u jezigi l-ezibizzjoni taghhom. Illi, peress illi l-bejgh minn Marcel Mizzi sar bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti, l-esponent huwa tal-fehma umili illi l-Qorti ma ghandhiex tilqa l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-konvenuti".

Illi dwar it-tieni parti ta' l-ewwel eccezzjoni, din il-Qorti ghandha is-segwenti xi tghid:

a) Jirrizulta illi meta l-Qorti awtorizzat lil Prokuratur Legali Mizzi sabiex jbiegh is-sehem tieghu mill-wirt battal tad-decujus Lorenzo Galea hija kienet qeghda proprju tawtorizzah jaghmel dak biss <u>u mhux ukoll ibiegh is-sehem provenjenti mill-wirt ta' Pasquale Buttigieg u li</u>

iddevolva fuq il-werrieta l-ohra ta’ l-istess Pasquale Buttigieg.

b) Illi ghalhekk jidher illi din il-bicca art li inbieghet ghad hemm xi werrieta ohra li ma kienux jiffurmaw parti mill-imsemmi kuntratt tat-18 ta’ Ottubru, 1982 u li bejn dawn il-werrieta ghad hemm proprjeta ohra in komun li tappartjeni lil wirt ta’ Lorenzo Galea, liema proprjeta gejja ukoll mill-wirt ta’ Lorenzo Buttigieg.

Illi ghalhekk dwar it-tieni parti ta’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-abbli Perit Legali. A skans ta’ ripetizzjonijiet inutili l-Qorti taghmel referenza ghal dak li gie ritenut fil-kawzi fl-ismijiet **John Ellul et vs Vincenza mart Anthony Cassar et** u **Maria Assunta Casha et vs Joseph Mary Cutajar et** (sup. cit.). Anke jekk il-Qorti issanzjonat il-bejgh li sar mill-Prokuratur Legali Marcel Mizzi u l-awtur ta’ l-attur odjern, dan xorta ma jgibx li din il-proprjeta partikolari tista tinbiegh qabel ma issir id-divizjoni totali tal-assi tad-decujus Lorenzo Galea u dik il-proprjeta li gejja mill-wirt ta’ Pasquale Buttigieg. Prova li din id-divizjoni saret ma hawnx fil-process u allura din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra ghajr li tilqa t-tieni parti ta’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara illi hija ma tistax tilqa l-ewwel talba tal-atturi.

Konsegwentement u in vista ta’ dan il-fatt il-Qorti ma hijiex ser tiehu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talba attrici.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk din il-Qorti ghal dawn il-motivi qeghda **taqta’ u tiddeciedi** din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tan-nullita imqajjma mill-konvenuti, qeghda tilqaha limitatament billi tiddikjara li qasma parzjali ma hijiex konsentita bil-ligi, u dan kif kien qieghed jintalab f’din il-kawza, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici.

Bl-ispejjez tal-kawza jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------